**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta’ Mejju 2024**

Rikors Numru: 117/24 AL

A B C

Vs

D C

(M.R. Numru 2158/2017)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. ILLI l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fit-tletin (30) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) Sremska Mitrovica, Serbia debitament rregistrat fir-registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-certifikat 2158/2017 u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A".

2. ILLI minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom tifel ossija E Cta' sitt (6) snin;
3. ILLI l-partijiet isseparaw legalment nhar is-26 ta' Settembru 2022 permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni fl- atti tan-nutar Dottor AnnMarie Saywell anness u mmarkat Dok "B"
4. ILLI l-partijiet ilhom separati de facto ghal numru ta' snin tant li ghandhom relazzjonijiet godda ma' terzi persuni;
5. ILLI m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra ffurmaw relazzjoni ma' nies ohra;
6. ILLI m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri;
7. ILLI r-rikorrenti tixtieq li tirriverti ghall-kunjom taghha ta'xebba ossija 'B'
8. ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad- divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tiddikjara li l-mara rrivertiet ghall-kunjom taghha ta' xebba ossija "B';
3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsehekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir- Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tagħha eċċepixxa :

1. Illi l-esponenti kkonferma li l-partijiet kienu zzewgu lill-xulxin nhar 1-30 ta' Gunju tas-sena 2017, u miz-zwieg taghhom kellhom tifel minuri bl-isem ta' E C, ta' sitt snin;

2. Illi in oltre, huwa konfermat ukoll li huma separati minn nhar it-26 ta' Settembru 2022 u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Ann Marie Saywell.

3. Illi illum il-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin u ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejnithom.

4. Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu u jew jirceivu manteniment minghand xulxin, izda l-esponenti jghaddi pagamenti ta' manteniment regolarment u minghajr problemi ghat-tifel minur E fl-ammont ta' €300, u dan kif gie ukoll konfermat mir-rikorrenti li presentement ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti u dan kif jirrizulta mir-rikors guramentat.

5. Illi l-esponenti jikkonferma li ma jsib ebda oggezzjoni ghat-talbiet tal-attrici, b'dana illi ma ghandu jigi addebitat b'ebda spejjez marbuta ma' din il-procedura, stante illi qieghda tigi mitluba minn naha taghha.

6. Illi kontestwalment ma' din ir-risposta, l-esponenti qieghed jippreżenta l-affidavit tieghu, anness u mmarkat bhala "Dokument A", fil-lingwa ngliza, peress li huwa ċittadin Malti, kif ukoll ċittadin Serb, u dan sabiex jikkonferma dan kollu;

7. Illi l-esponenti lanqas m'għandu ebda riserva li r-rikorrenti tirreverti għal kunjomha xebba ossija "E";
8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta'Marzu 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Settembru,, 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat it-talba tar-rikorrenti sabiex tirreverti għall-kunjom tagħha ta' xebba ossija "B". Il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "B", tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti meħtiega f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.